

31991R1258

L 120/15

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.5.1991

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1258/91**ta' l-14 ta' Mejju 1991**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3446/90 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti ta' għajjnuna għall-ħażna privata għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż u r-Regolament (KEE) Nru 3447/90 dwar il-kundizzjonijiet speċjali għall-għoti ta' l-għajjnuna għall-ħażna privata għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal-25 ta' Settembru 1989 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3577/90 ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3446/90 ⁽³⁾ jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti tal-għajjnuna għall-ħażna privata tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż;

Billi l-esperjenza wriet li dispożizzjoni għandha ssir biex tippermetti d-dissussar li jsir matul il-perjodu tat-tqiegħid fil-ħażna; billi r-Regolament (KEE) Nru 3446/90 għandu għalhekk ikun modifikat;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3447/90 ⁽⁴⁾, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 273/91 ⁽⁵⁾, jistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali għall-għoti tal-għajjnuna għall-ħażna privata għal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż; billi, sabiex tkun faċilitata it-tneħħija mill-ħażna ta' prodotti iddissusati, huwa xieraq li tkun aġġustata l-kwantità minima tat-tneħħija mill-ħażna; billi r-Regolament (KEE) Nru 3447/90 għandu għalhekk ikun immodifikat;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għan-Nagħaġ u l-Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

F'Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3446/90 it-testi tal-paragrafi 2 u 3 huma modifikati kif ġej:

"2. Il-kuntratturi jistgħu, permezz tas-superviżjoni permanenti tal-aġenzija tal-intervent u matul il-perjodu ta' tpoġġija fil-ħażna, inqattgħu, parzjalment jiddissussaw jew jiddissussaw il-prodotti kollha jew parti minnhom, basta

imma li kwantità biżżejjed ta' karkassi tkun użata biex tasigura li t-tunnaġġ li dwaru l-kuntratt ikun ġie konkjuż tkun maħżuna u li l-laħam kollu li jirriżulta minn dik l-operazzjoni jitqiegħed fil-ħażna. L-intenzjoni li jsir użu minn din il-faċilità għandu jkun notifikat mhux aktar tard mill-jum li fih jibda t-tqiegħid fil-ħażna; b'dana kollu, l-aġenzija tal-intervent tista' teħtieġ li dik in-notifika isseħħ għall-inqas jumejn tax-xogħol qabel it-tqiegħid fil-ħażna ta' kull lott individwali.

L-għeruq il-kbar, il-qriegheċ, l-għadam, l-biċċiet tax-xaħam u l-bċejjeċ l-oħra mħollija mit-tqattigħ, id-dissussar parzjali jew id-dissussar ma jistgħu jiġu maħżuna.

3. It-tqiegħid fil-ħażna għandu jibda, għal kull lott individwali tal-kwantità kontrattwali, fil-jum li fih jiġi taħt il-kontroll tal-aġenzija tal-intervent.

Dak il-jum għandu jkun il-jum li fih l-piż nett tal-prodott frisk u imkessaħ frisk ikun detterminat:

- fil-post tal-ħażna, meta l-laħam huwa friżat fil-post,
- fil-post tal-iffriżar, meta l-laħam huwa friżat f'faċilitajiet adattati il-barra mill-post tal-ħażna.

B'dana kollu, fil-każ tal-laħam li tpoġġa fil-ħażna wara tqattigħ, iddissussar parzjali jew l-iddissussar, l-użin għandu jitwettaq fuq prodotti li effettivament tqegħdu fil-ħażna u jista' jsir fil-post ta' tqattigħ, tad-dissussar parzjali jew tad-dissussar.

Id-determinazzjoni tal-piżijiet tal-prodotti li għandhom jitqegħdu fil-ħażna m'għandux isseħħ qabel il-konklużjoni ta' kuntratt."

Artikolu 2

Artikolu 3b tar-Regolament (KEE) Nru 3447/90 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 3a

Il-kwantità minima għal kull tneħħija hija stabbilita għal erba' tunnelli espressi b'ħala piż tal-prodott għal kull maħżen u għal kull kuntrattur. B'dana kollu, meta l-kwantità mħollija f'maħżen hija inqas minn din il-kwantità, operazzjoni waħda oħra tal-irtirar tal-kwantità li tibqa' jew parti minnha għandha tkun permissibbli.

Meta l-kundizzjonijiet tal-irtirar li hemm referenza dwarhom fis-subparagrafu preċedenti ma jkunux imwettqa:

⁽¹⁾ ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 353, tas-17.12.1990, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 333, tat-30.11.1986, p. 39.

⁽⁴⁾ ĠU L 333, tat-30.2.1990, p. 46.

⁽⁵⁾ ĠU L 28, tat-2.2.1991, p. 28.

- l-ammont tal-għajnuna għall-kwantità mneħħija għandu juk ikkalkulat skond Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3446/90, u
- 15 % tal-garanzija li hemm referenza dwarha f'Artikolu 4 għandha tkun iddikjarata bħala ssekwestrata fir-rigward tal-kwantità mneħħija."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Mejju 1991.

Għandu japplika għall-ħażna privata miftuħa minn dik id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Mejju 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membri tal-Kummissjoni
